MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 171/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Pierre Micallef Grimaud)**
**Vs**
**Joseph Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta’ Marzu 2011 ghal habta tas 6.45 p.m., fi Triq l-Ordinanza, Valletta:

(i) bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, cioe’ attentat ta’ feriti gravi fuq il-persuni ta’ PC 1382 Mark Galea u PC 1379 David Mizzi, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, Art 41 (1) (a) Kap 9;

(ii) attakka jew aghmel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 1382 Mark Galea u PC 1379 David Mizzi, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li jkunu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, Art. 96 Kap 9;

(iii) ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Art 95 (1) Kap 9;

(iv) ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Glenn Farrugia, skond ma ccertifika t-tabib Dr Robert Patiniott MD tad-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana, Art 221(1) Kap 9;

(v) waqt li kien ghaddej min Triq l-Ordinanza, Valletta u kien qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JOA159, kien involut f'accident tat-traffiku u naqas li jieqaf u jaghti l-partikolarijiet tieghu, id-iddettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura lill-persuna l-ohra, Art 67 (1) Legislazzjoni Sussidjarja 65.11;

(vi) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni AGF951 ghad-dannu ta' Alfred Farrugia, Art 325 (1)(b) Kap 9;

(vii) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JOA159, ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga, u cioe' hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni AGF951, ghad-dannu ta' Alfred Farrugia, Art 328 Kap 9;

(viii) saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JOA159 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz, Art 15(1)(a) tal-Kap 65;

(ix) irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi, kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina, Art 15A u 15E(4) Kap 65;

(x) hebb ghall Glenn Farrugia sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara,
Art 339 (1)(d) Kap 9;

(xi) fit-triq jew xi post pubbliku, exkreta materjali (ghamel l-urina),
Regolament 4(e) Skeda 1, A.L. 344/2005 (Kap 435);

(xii) f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakkra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu; jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jidher bic-car fis-sakra waqt li kien isuq vettura, kif ukoll waqt li kien f'dak l-istat, dejjaq in-nies u ghamel storbju, Art 338 (ff) Kap 9;

(xiii) dagha fil-pubbliku, Art 342 Kap 9;

(xiv) ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg mil-limiti tal-provokazzjoni, Art 339 (e) Kap 9;

(xv) qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, Art 338 (bb) Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Marzu, 2011, li biha, wara li rat l-artikolu 41(1)(a), 96, 95, 31, 221 tal-Kap. 9, ir-regolament 67(1) Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, l-artikolu 15(1)(a), 15A, 15E(4) tal-Kap. 65, l-artikolu 339(1)(d), 338(ff), 339(e), 338(bb), 342, regolament (4)(e) Skeda 1, A.L. 344 tal-2005, l-artikolu 49 u 50 u 17(b)(d)(f) tal-Kap. 9, ikkundannat lill-appellant disa` xhur prigunerija

w ammenda komplessiva ta' €300. Skwalifikatu milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal tlett xhur li jibdew jiddekorru wara li jkun skonta l-piena ta' prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' April, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjara l-istess bhala nulla u fin-nuqqas li taghmel dan, allura timmodifika s-sentenza errogata billi tikkonfermaha fejn sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti (jekk din il-Qorti tikkonkludi li dan hu l-kaz) u tvarja l-istess sentenza billi tipprovdi ghall-piena idonea u aktar mita fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellant jikkontendi li s-sentenza errogata fil-konfront tieghu hija nulla u bla effett. Dan qed jinghad peress li ghad li dik il-Qorti taghtu l-kundanna naqset li kienet tiddikjarah hati fuq l-akkuzi jew uhud minnhom dedotti kontra tieghu.

Illi l-piena fic-cirkostanzi ma kienitx dik idonea u kienet eccessiva. Jinghad li l-appellant sfortunatament hu marid u ghandu dipendenza fuq l-alkohol u in effetti kif ghamel fil-passat huwa bi hsiebu jidhol ghall-kura necessarja.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti qed tillimita din is-sentenza ghall-ewwel aggravju tal-appellant u cioe` illi s-sentenza erogata fil-konfront tieghu hija nulla u bla effett u dana peress illi l-Qorti taghtu kundanna u naqset li tiddikjarah hati fuq l-akkuzi u xi uhud minnhom.

Ikkunsidrat :

Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-sentenza l-Qorti ssib illi wara li l-Ewwel Qorti ghaddiet biex issemmi l-artikoli ghaddiet mill-ewwel biex tikkundanna lill-appellant, minghajr ma ddikjaratu hati tal-akkuzi illi gew dedotti kontra tieghu.

L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jghid testwalment illi meta l-Qorti taghti sentenza kontra imputat ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi li tkun tikkontempla r-reat.

Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti.  In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati.

Ghalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief illi tilqa` dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill-Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-ligi

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------